IL-PRIM MINISTRU
MALTA

5 ta' Mejju 2008

Għażiż Kap tal-Oppożizzjoni,

Nirreferi għall-ittra tiegħek tal-21 ta' April 2008 u għall-proposti li hemm fiha.

Wara diskussjoni fil-Grupp Parlamentari, nista' ninfurmak li n-naħa tal-Gvern, ma ssibx oġġezzjoni li l-proposti li jiena kont ressaqtlek bil-miktub fil-laqgħa li kellna nhar it-Tnejn 21 ta' April 2008, ikomplu jiġu diskussi wara li l-Partit Laburista jkun għażel il-kap il-ġdid tiegħu.

Madanakollu s-soluzzjoni interim proposta mill-Oppożizzjoni ma hijiex aċċettabbli fil forma kif preżentata.

Għalhekk, il-Gvern ser jipproponi lill-Parlament li sakemm isiru d-diskussjonijiet bit-tama li jintlaħaq qbil bejn iż-żewġ naħat, il-kariga ta' *Speaker* tiġi okkupata minn Dr Louis Galea li għandu esperjenza vasta ta' 32 sena fil-Parlament.

Dr Galea aċċetta li, jekk eventwalment jintlaħaq qbil mal-Oppożizzjoni dwar il-proposti tal-Gvern, allura huwa jkun lest li jirriżenja sabiex fl-interess nazzjonali jkun hemm, għall-ewwel darba fl-istorja kostituzzjonali tagħna, Deputat ta' l-Oppożizzjoni li jippresjedi l-Kamra tad-Deputati.

Dwar il-kariga ta' *Deputy Speaker* in-naħa tal-Gvern taċċetta l-proposta interim tiegħek li jkun l-Onorevoli Carmelo Abela. Infakkrek però, li fil-leġislatura li għaddiet, il-ftehim kien li l-Kamra jkollha *Deputat Speaker* magħżul min-naħa ta' l-Oppożizzjoni bil-kundizzjoni li jkun hemm ftehim ċar u konsistenti dwar il-*pairing* matul il-leġislatura.

Inselli għalik,

Lawrence Gonzi

L-Onor Alfred Sant
Kap ta' l-Oppożizzjoni